

Il-Bauhaus Ewropea I-Ġdida

Premjijiet tal-2025

GWIDA GĦALL-APPLIKANTI

1. IL-BAUHAUS EWROPEA L-ĠDIDA

Il-Bauhaus Ewropea I-Ġdida (NEB, New European Bauhaus) hija inizzjattiva ta' politika u ta' finanzjament tal-UE taħt il-[Patt Ekoloġiku Ewropew](#) li trawwem soluzzjonijiet sostenibbli għat-trasformazzjoni tal-ambjent mibni u l-istili ta' ħajja taħt it-tranżizzjoni ekoloġika. Qed tfittex soluzzjonijiet li mhumiex biss sostenibbli, iżda wkoll inklużivi u sbieħ, filwaqt li tirrispetta d-diversità tal-postijiet, it-tradizzjonijiet u l-kulturi fl-Ewropa u lil hinn minnha

Bil-ħolqien ta' pontijiet bejn sfondi differenti, b'riżultati miksubin minn dixxiplini differenti u b'bażi fuq il-parteċipazzjoni fil-livelli kollha, il-Bauhaus Ewropea I-Ġdida tispira moviment biex jiffaċilita u jmessi t-trasformazzjoni tas-soċjetajiet tagħna skont tliet valuri inseparabbli:

- **is-sostenibbiltà**, mill-għanijiet klimatiċi għaċ-ċirkolarità, it-tniġġis żero u l-bijodiversità
- **I-inklużjoni**, mill-valorizzazzjoni tad-diversità, għall-iżgurar tal-aċċessibbiltà u l-affordabbiltà
- **I-estetika u I-kwalità tal-esperjenza** għan-nies, permezz tad-disinn, u l-benefiċċji kulturali

Soluzzjonijiet tal-Bauhaus Ewropea I-Ġdida jinkorporaw dawn il-valuri f'azzjonijiet li **jikkombinaw id-dimensjonijiet lokali, Ewropej u globali u jisfruttaw il-potenzjal ta' approċċi parteċipattivi u transdixxiplinari**. L-involviment tal-partijiet ikkonċernati lokali fil-ħolqien konġunt ta' proġetti tal-Bauhaus Ewropea I-Ġdida jinsab fil-qalba tal-inizzjattiva Bauhaus Ewropea I-Ġdida.

2. IL-PREMJIJET TAL-BAUHAUS EWROPEA L-ĠDIDA

Il-Premjijiet tal-NEB (Il-Bauhaus Ewropea I-Ġdida) huma kompetizzjoni stabbilita sew li tagħti u ġġib viżibbiltà lil proġetti eżistenti, u ideat żviluppata minn talenti żgħażaġħ u promettenti, li jintegraw it-tliet valuri ewlenin u l-prinċipji ta' ħidma tal-NEB (il-proċess parteċipattiv, l-involviment fuq diversi livelli, l-approċċ transdixxiplinari). Sal-lum, il-Premjijiet irċevew aktar minn 5000 applikazzjoni fuq erba' edizzjonijiet (2021, 2022, 2023 u 2024), u taw total ta' **EUR 1,545,000 lil 72 rebbieħ**.

Il-Premjijiet tal-NEB kellhom rwol importanti fl-introduzzjoni tal-inizzjattiva għaċ-ċittadini Ewropej u fil-bini ta' grupp ta' proġetti ta' ispirazzjoni. Dan kien suċċess peress li r-reġjuni, il-bliet u l-irħula qed iħaddnu l-NEB bi proġetti konkreti, xi wħud minnhom

kofinanzjati mill-fondi tal-UE. Barra minn hekk, il-Premjijiet tal-NEB jipromwovu l-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh u d-djalogu interġenerazzjonali għal proġetti sostenibbli u inklużivi, li jattiraw aktar minn 1,700 idea miż-żgħażaġh f'erba' snin.

3. L-EDIZZJONI TAL-2025 TAL-PREMJIJET TAL-BAUHAUS EWROPEA L-ĠDIDA

Il-Premjijiet tal-NEB huma miftuħa għal proġetti u kunċetti implimentati fl-UE, fil-Balkani tal-Punent¹ u fl-Ukrajna. Il-ħames edizzjoni tal-Premjijiet tal-NEB se tikkontribwixxi għall-isforzi tal-UE biex ittejjeb l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni billi tagħti erba' **premjijiet ta' "Akkomodazzjoni Affordabbli tal-NEB"** għal proġetti kkompletati fl-UE li jipprovdu soluzzjonijiet ta' akkomodazzjoni sostenibbli, inklużivi, sbieħ u affordabbli f'konformità mal-valuri u l-prinċipji tal-NEB.

Il-Premjijiet tal-2025 se jingħataw fl-erba' kategoriji stabbiliti sew abbażi tal-assi tematiċi ta' trasformazzjoni li jiggwidaw it-twettiq tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida²:

- **Konnessjoni mill-ġdid man-natura**
- **Kisba mill-ġdid ta' sens ta' appartenenza**
- **Il-prijoritizzazzjoni tal-postijiet u tan-nies li l-aktar għandhom bżonnha**
- **It-tfassil ta' ekosistema industrijali ċirkolari u l-appoġġ għal ħsieb tul iċ-ċiklu tal-ħajja**

F'kull waħda mill-erba' kategoriji, hemm stabbiliti żewġ oqsma paralleli tal-kompetizzjoni:

- **Fergħa A:** Il-**"Promoturi tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida"** se jkunu ddedikati għal proġetti eżistenti u li tlestew b'riżultati ċari u pożittivi
- **Fergħa B:** **"Stilel Ġodda tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida"** se jkun iddedikat għal kunċetti ppreżentati minn talenti żgħażaġh ta' 30 sena jew iżgħar. Il-kunċetti jistgħu jkunu fi stadji differenti ta' żvilupp, minn ideat bi pjan ċar sal-livell tal-prototip

Se jingħataw total ta' **22 premju** fil-Premjijiet tal-2025:

- Fil-Fergħa A, se jintgħażlu rebbieħ u runner-up (it-tieni post) f'kull kategorija minn ġurija esperta (jiġifieri, erba' rebbieħa u erba' runners-up)
- Fil-Fergħa B, se jintgħażlu rebbieħ u runner-up (it-tieni post) f'kull kategorija minn ġurija esperta (jiġifieri, erba' rebbieħa u erba' runners-up)
- F'kull Fergħa, se jintgħażel rebbieħ wieħed bejn il-kategoriji permezz ta' vot pubbliku online (jiġifieri, total ta' żewġ rebbieħa)

¹ L-Albanija, il-Bożnija-Ħerzegovina, il-Kosovo*, il-Maċedonja ta' Fuq, il-Montenegro u s-Serbja.

* Din id-deżinjazzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u hija konformi mal-UNSCR 1244/1999 u mal-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

² Il-kategoriji jesprimu l-viżjoni żviluppata fil-[Komunikazzjoni](#) tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-Bauhaus Ewropea l-Ġdida, billi jużaw il-kontributi tal-partijiet ikkonċernati fil-istadju tad-disinn minn isfel għal fuq tal-inizjattiva.

- erba' rebbieħa tal-premijiet tal-“Akkomodazzjoni Affordabbli tal-NEB” se jintgħażlu fil-Fergħa A, fil-kategoriji kollha minn ġurija esperta

4. IL-PREMJU

Ir-rebbieħa u r-runners-up se jirċievu premju monetarju ta':

- **EUR 30,000** għar-rebbieħa tal-Promoturi tal-Bauhaus Ewropea I-Ġdida (Fergħa A)
- **EUR 15,000** għar-rebbieħa tal-Istilel Ġodda tal-Bauhaus Ewropea I-Ġdida (Fergħa B)
- **EUR 20,000** għal dawk li jiġu fit-tieni post tal-Promoturi tal-Bauhaus Ewropea I-Ġdida (Fergħa A)
- **EUR 10,000** għal dawk li jiġu fit-tieni post tal-Istilel Ġodda tal-Bauhaus Ewropea I-Ġdida (Fergħa B)
- **EUR 30,000** għar-rebbieħa tal-“Akkomodazzjoni Affordabbli tal-NEB”

Minbarra ammont monetarju, kull rebbieħ u runner-up se jibbenefika minn pakkett ta' komunikazzjoni pprovdut mill-Kummissjoni Ewropea (eż. promozzjoni fuq il-midja soċjali u s-siti web tal-Kummissjoni Ewropea, assistenza għall-produzzjoni ta' vidjo qasir u appoġġ fil-promozzjoni tal-proġetti).

5. L-ERBA' KATEGORIJI



Konnessjoni mill-ġdid man-natura

Se nkunu qed inħarsu lejn eżempji ta' ispirazzjoni ta' proġetti sbieħ, sostenibbli u inklużivi li jġibu lill-individwi u lill-komunitajiet eqreb tan-natura, li jikkontribwixxu għar-riġenerazzjoni tal-ekosistemi naturali u li jipprevjenu t-telf tal-bijodiversità jew li jistednuhom iqisu mill-ġdid ir-relazzjoni tagħhom man-natura f'perspettiva ċentrata fuq il-ħajja, bħala alternattiva għal dik iċentrata fuq il-bniedem.

L-eżempji jistgħu jinvolvu t-trasformazzjoni fiżika ta' postijiet li juru kif ambjent u spazji pubbliċi mibnijin ġodda, rinnovati jew riġenerati jistgħu **jikkontribwixxu għall-protezzjoni, għar-restawr u/jew għar-riġenerazzjoni ta' ekosistemi naturali** (inklużi ċ-ċikli tal-ħamrija u tal-ilma) u **tal-bijodiversità**. L-użu ta' **soluzzjonijiet u materjali bbażati fuq in-natura** jistgħu jkunu dimensjonijiet importanti fit-trasformazzjoni fiżika.

It-trasformazzjoni għandha tiffavorixxi ukoll l-inklużjoni soċjali, pereżempju billi tqis l-affordabbiltà u l-aċċessibbiltà tal-post, inklużi l-prinċipji ta' disinn universali, billi jużaw il-**preservazzjoni u r-restawr tal-ambjent tagħhom** bħala komputu komuni għall-komunità kollha, bl-użu ta' **żoni ekoloġiċi bħala konnetturi** bejn spazji komuni u kondiviżi f'distretti differenti. It-trasformazzjoni għandha ġġib benefiċċji ta' kwalità tal-esperjenza għall-komunitajiet, filwaqt li jitqiesu pereżempju t-tradizzjonijiet u l-wirt kulturali lokali u l-ħtiġijiet lokali.

2



L-eżempji jistgħu juru wkoll kif avvenimenti, attivitajiet, proċessi, prodotti jistgħu **jwasslu sensazzjoni jew esperjenza li persuna tħossha parti min-natura u jġibu bidla fil-perspettiva lejn in-natura**. Dawn jistgħu jkunu inizjattivi relatati mal-viċinat, inizjattivi taċ-ċittadini, inizjattivi artistiċi u festivals, eċċ.

Kisba mill-ġdid ta' sens ta' appartenenza

Se nkunu qed inħarsu lejn eżempji ta' ispirazzjoni ta' proġetti sbieħ, sostenibbli u inklużivi li jikkontribwixxu biex iġibu sens ta' appartenenza, "spirtu" jew "tifsira" ta' postijiet, komunitajiet jew prodotti u li jiċċelebraw id-diversità.

Eżempji jistgħu jinvolvu t-trasformazzjoni fiżika ta' postijiet li juru kif ambjent mibni ġdid, rinnovat, irranġat jew riġenerat jista' **jingħaqad mal-wirt u t-tradizzjonijiet storiċi lokali jew mal-karatteristiċi lokali tar-realtajiet demografiċi kontemporani, id-dinamika kulturali u artistika u l-istili tal-ħajja**. Huma jistgħu juru wkoll kif il-proċessi riġenerattivi jistgħu jikkontribwixxu għar-**restawr tas-sens ta' appartenenza jew għat-tfassil ta' ambizzjonijiet orjentati lejn il-futur għall-komunitajiet fil-livell lokali jew reġjonali**. L-adattament mill-ġdid ta' spazji lejn **skambji interġenerazzjonali pożittivi u bini tal-komunità** jistgħu jkunu dimensjonijiet importanti.

Eżempji jistgħu jinvolvu wkoll l-iżvilupp ta' prodotti, proċessi jew mudelli tan-negozju li **jibnu fuq il-kultura lokali, it-tradizzjonijiet, l-għarfien, l-artiġjanat u d-diversità u l-kreattività kontemporani**. Jistgħu jkunu moda, għamara, jew disinn intern, iżda wkoll ikel jew elementi oħra tal-ħajja tagħna ta' kuljum li jgħorru sens ta' appartenenza fuq skala lokali.

3



Il-prijoritizzazzjoni tal-postijiet u tan-nies li l-aktar għandhom bżonnha

Se nkunu qed infittxu eżempji ta' ispirazzjoni ta' proġetti sbieħ, sostenibbli u inklużivi li jikkontribwixxu għall-indirizzar tal-ħtiġijiet tat-territorji, tal-komunitajiet u tal-individwi li jeħtieġu attenzjoni partikolari u urġenti minħabba karatteristiċi ekonomiċi, soċjali jew fiżiċi speċifiċi.

L-eżempji jistgħu jinvolvu t-trasformazzjoni fiżika u r-riġenerazzjoni tat-territorji u tal-postijiet, inklużi l-irħula żgħar, iż-żoni rurali, il-bliet li qed jiċkienu, id-distretti tal-bliet li huma degradati, iż-żoni deindustrijalizzati, il-postijiet li jilqgħu r-refuġjati jew il-postijiet li jaspiraw li jkunu aċċessibbli għal kulħadd. Dan jista' jinvolvi l-iżvilupp ta' **proġetti ambizzjużi ta' akkomodazzjoni soċjali u temporanja u l-konverżjoni mill-ġdid, ir-rinnovazzjoni, ir-riġenerazzjoni tal-bini u l-inħawi tagħhom biex jiġu miġġielda s-segregazzjoni u l-iżolament**. L-eżempji jistgħu jindirizzaw ukoll il-ħtiġijiet partikolari tal-gruppi u l-individwi li huma l-aktar vulnerabbli, pereżempju, **li qed jaħarbu minn kunflitt armat, li huma f'riskju ta' esklużjoni jew ta' faqar, jew li jesperjenzaw il-kondizzjoni ta' persuni mingħajr dar**.



L-eżempji jistgħu juru wkoll kif l-implimentazzjoni avvanzata tal-prinċipju ta' "**disinn universali**" għat-trasformazzjoni tal-ambjent mibni tista' tindirizza kwistjonijiet ta' aċċessibbiltà għal persuni b'diżabbiltà, kif ukoll tindirizza fatturi ta' tixji.

Proposti oħra jistgħu juru kif is-**servizzi komunitarji**, il-modi ġodda ta' kif jitlaqqgħu flimkien diversi komunitajiet (eż. kuntesti multiġenerazzjonali) u/jew diversi funzjonijiet (akkomodazzjoni, inklużjoni soċjali, eċċ.) jistgħu jgħibu **soluzzjonijiet ġodda għall-indirizzar ta' ħtiġijiet speċifiċi**. Eżempji jistgħu jinkludu wkoll mudelli ta' sjeda u ta' negozju, bħal **skemi kontra l-ispekulazzjoni, mudelli kooperattivi jew investimenti b'impatt**.

It-tfassil ta' ekosistema industrijali ċirkolari u l-appoġġ għal nsieb tul iċ-ċiklu tal-ħajja

Se nkunu qed infittxu eżempji ta' ispirazzjoni ta' proġetti sbieħ, sostenibbli u inklużivi li jikkontribwixxu għat-trasformazzjoni tal-ekosistemi industrijali lejn prattiki aktar sostenibbli fi spirtu ta' ċirkolarità, filwaqt li nqisu aspetti soċjali rilevanti.

L-eżempji jistgħu jinvolvu t-trasformazzjoni ta' elementi ta' ktajjen ta' valur speċifiċi mill-akkwist ta' materja prima għar-riċiklaġġ tal-iskart f'diversi ekosistemi, mill-**kostruzzjoni għas-setturi tat-tessuti u tal-istil tal-ħajja** (għamara, disinn, eċċ.). F'dak is-sens, proċessi ġodda, materjali ġodda, **soluzzjonijiet u prodotti bbażati fuq in-natura** miksubin b'mod sostenibbli, jew mudelli ġodda ta' negozju li jgħibu benefiċċji ċari f'termini ta' sostenibbiltà u ta' ċirkolarità, kif ukoll f'termini ta' kwalità tal-ħajja għal kulħadd u disinn universali jistgħu jkunu eżempji rilevanti. L-aspetti tal-affordabbiltà u tal-inklużjoni soċjali għandhom jiġu integrati hawnhekk kif xieraq.

L-eżempji jistgħu jippromwovu mudelli ekonomiċi ġodda b'mod partikolari fl-**ekonomija soċjali u ta' prossimità u fl-investimenti ta' impatt**. L-eżempji jistgħu jinkludu wkoll inizjattivi, li permezz tat-trasformazzjoni tal-ekosistema jew tal-proċessi industrijali kkontribwew ukoll għall-iżvilupp soċjoekonomiku ġenerali tal-lokalità/tar-reġjun. L-eżempji jistgħu jikkonsistu wkoll f'metodi, f'għodod jew fi gwidi, li jiffaċilitaw l-(awto)valutazzjoni tal-prestazzjoni taċ-ċirkolarità għal diversi tipi ta' prodotti u servizzi.

6. KIF TAPPLIKA

L-applikazzjonijiet għall-Premijiet tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida għandhom jiġu sottomessi permezz tal-pjattaforma ddedikata tal-Premijiet tal-NEB u għandhom jiġu deskritti fid-dettall fil-formola tal-applikazzjoni rilevanti.

Il-perjodu tal-applikazzjoni se jibda fis-(**14 ta' Jannar 2025** u jintemm fis-**14 ta' Frar 2025 fis-19:00 CET**³⁾).

L-applikazzjoni għandha tagħti dettalji dwar kif il-proġett jew il-kunċett jirrifletti u jsarraff **il-valuri u l-prinċipji ta' ħidma tal-Bauhaus Ewropea I-Ġdida**. Din għandha tinkludi wkoll elementi li jirriflettu **l-kriterji tal-eliġibbiltà u għall-aġġudikazzjoni** li jvarjaw xi ftit għal kull fergħa (ara hawn taħt).

Kull applikazzjoni tista' tiġi sottomessa taħt kategorija waħda u f'fergħa waħda biss. Kull applikant jista' jissottometti applikazzjonijiet multipli sakemm dawn ikunu relatati ma' proġetti jew kunċetti differenti.

L-applikanti interessati li japplikaw għall-premijiet tal-“Akkomodazzjoni Affordabbli tal-NEB” **iridu jindikaw fil-formola tal-applikazzjoni l-interess tagħhom li japplikaw għal dan il-premju**. Għal dan il-premju huma eliġibbli biss il-proġetti kkompletati sottomessi taħt il-Fergħa A li tinsab f'wieħed mill-Istati Membri tal-UE, li jipprovdu soluzzjonijiet ta' akkomodazzjoni f'konformità mal-valuri u l-prinċipji tal-NEB.

Inti mistieden issegwi l-pjattaforma tal-Premijiet tal-Bauhaus Ewropea I-Ġdida għal aktar informazzjoni u aġġornamenti ulterjuri, u tista' tibgħat il-mistoqsijiet tiegħek fuq l-indirizz elettroniku funzjonali indikat fil-pjattaforma.

L-applikazzjonijiet jistgħu jiġu mmodifikati u aġġornati waqt li jkunu fi stat ta' abbozz. Jekk jogħġbok tibqax tistenna sal-iskadenza finali biex tissottometti l-applikazzjoni tiegħek biex tevita problemi tal-aħħar minuta, bħal dewmien biex titla' l-paġna li jista' jseħħ fil-ħin tal-għeluq tas-sottomissjonijiet. Huma biss l-applikazzjonijiet li jiġu sottomessi sal-iskadenza uffiċjali li se jitqiesu mill-Kumitat għall-Evalwazzjoni.

Għal aktar referenza, l-applikanti huma mistiedna jikkonsultaw il-[kumpass tal-NEB](#) li jiddeskrivi l-valuri u l-prinċipji differenti tal-NEB u jstabbilixxi livelli ta' ambizzjoni differenti.

7. KRITERJI TA' ELIĠIBBILTÀ

It-taqsima li ġejja tipprovdi spjegazzjonijiet dettaljati dwar il-kriterji ta' eliġibbiltà għall-applikanti u għall-applikazzjonijiet. Tista' ssib tabella biex tgħinek tivverifika l-konformità tiegħek mal-kriterji tal-eliġibbiltà fl-Anness 1.

L-applikanti kollha għall-Premijiet tal-Bauhaus Ewropea I-Ġdida jridu jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà li ġejjin:

1. L-applikanti jistgħu jkunu residenti tal-UE jew mhux tal-UE, sakemm il-proġetti u l-kunċetti tagħhom jiġu implimentati fl-UE, fil-Balkani tal-Punent⁴, jew fl-Ukrajna.

³ Matul il-perjodu tal-applikazzjonijiet, il-Kummissjoni Ewropea tista' toħroġ deċiżjoni biex testendi l-iskadenza għall-applikazzjonijiet. Deċiżjoni dwar estensjoni tiġi kkomunikata fuq is-sit web tal-Premijiet tal-Bauhaus Ewropea I-Ġdida tal-2025.

⁴ L-Albanija, il-Bożnija-Ħerzegovina, il-Kosovo*, il-Maċedonja ta' Fuq, il-Montenegro u s-Serbja.

* Din id-deżinjazzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u hija konformi mal-UNSCR 1244/1999 u mal-Opinjoni tal-QiG dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

2. Japplikaw regoli speċjali għal ċerti entitajiet (eż. entitajiet soġġetti għal miżuri ristretti tal-UE skont l-Artikolu 29 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u l-Artikolu 215 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE (TFUE)⁵ u entitajiet koperti mil-Linji Gwida tal-Kummissjoni Nru 2013/C 205/05⁶). Tali entitajiet ma humiex eliġibbli li jipparteċipaw fi kwalunkwe kapaċità.
3. L-applikazzjoni trid tiġi ppreżentata minn:
 - a) **Fil-Fergħa A:** l-individwu/i jew l-organizzazzjoni(jiet) (bħal belt jew reġjun, finanzjatur, organizzatur) li huma intitolati li jirrappreżentaw il-proġett.
 - b) **Fil-Fergħa B:** l-individwu/i jew l-organizzazzjoni(jiet) li huma l-awtur(i) tal-kunċett. Jekk il-kunċett ikollu diversi koawturi involuti fid-disinn jew l-iżvilupp tiegħu, kollha jridu jiġu elenkati. L-applikanti kollha f'din il-fergħa jrid ikollhom 30 sena jew inqas fl-aħħar jum tas-sejħa għall-applikazzjonijiet, inklużi r-rappreżentanti kollha tal-organizzazzjoni involuti fil-ħolqien tal-kunċett partikolari.
4. L-applikant ma għandux ikun f'sitwazzjoni waħda jew aktar ta' esklużjoni previsti skont l-Artikolu 136 tar-Regolament Finanzjarju⁷.
5. L-applikant se jerfa' r-responsabbiltà unika fil-każ ta' pretensjoni relatata mal-attivitajiet imwettqa fil-qafas tal-kompetizzjoni.
6. L-isem tar-rappreżentant legali jrid jiġi indikat.

Barra minn hekk, l-**applikazzjonijiet** kollha għall-Premijijiet tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida jridu jissodisfaw il-kriterji li ġejjin:

7. L-applikazzjoni trid tiġi sottomessa permezz tal-pjattaforma online sa mhux aktar tard mis-**(14 ta' Frar 2025, 19:00.00 CET)**. Matul il-perjodu tal-applikazzjonijiet, il-Kummissjoni Ewropea tista' toħroġ deċiżjoni biex testendi l-iskadenza għall-applikazzjonijiet. Deċiżjoni dwar estensjoni tiġi kkomunikata fuq is-sit web tal-Premijijiet tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida tal-2025.
8. L-applikazzjonijiet iridu jiġu sottomessi bl-Ingliż.
9. Il-proġetti u l-kunċetti sottomessi taħt il-Fergħa A u B iridu jiġu implimentati fl-UE, fil-Balkani tal-Punent, jew fl-Ukrajna. Japplikaw regoli speċjali għall-premijijiet tal-**"Akkomodazzjoni Affordabbli tal-NEB"**. Jekk jogħġbok ara t-tabella ta' hawn taħt bi kjarifiki dwar il-kriterji ta' eliġibbiltà.
10. Il-kooperazzjoni ma' pajjiż wieħed jew aktar hija mħeġġa, għalkemm il-proġett jew il-kunċett għandu jiġi implimentat primarjament fl-UE, fil-Balkani tal-Punent, jew fl-Ukrajna. Jekk ikun hemm sħubija, is-sieħeb ewlieni jrid jiġi identifikat fl-applikazzjoni.
11. L-applikanti jridu jindikaw b'mod ċar il-kategorija tal-premju u l-fergħa (A jew B) li għalihom qed japplikaw fil-formola tal-applikazzjoni.
12. Il-finanzjament doppju huwa strettament ipprobit. Proġetti jew kunċetti li rċevew premju monetarju tal-UE huma ineliġibbli għal din il-kompetizzjoni. Madankollu,

⁵ Jekk jogħġbok innota li Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea fih il-lista uffiċjali u, f'każ ta' kunflitt, il-kontenut tiegħu jipprevali fuq dak tal-[Mappa tas-Sanzjonijiet tal-UE](#)

⁶ Il-linji gwida tal-Kummissjoni Nru [2013/C 205/05](#) dwar l-eliġibbiltà tal-entitajiet Iżraeljani u l-attivitajiet tagħhom fit-territorji okkupati minn Iżrael minn Ġunju 1967 għal għotjiet, premijijiet u strumenti finanzjarji finanzjati mill-UE mill-2014 'il quddiem (ĠU C 205, 19.07.2013, pp. 9-11).

⁷ L-Artikolu 136, <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/HTML/?uri=CELEX:32018R1046&from=mt>

- proġetti jew kunċetti li qabel irċevew finanzjament pubbliku, inkluż mill-UE, (eż. għotja) huma eliġibbli, sakemm ma jkunux rebħu premju monetarju tal-UE.
13. L-applikazzjonijiet eliġibbli li ma jkunux irċevew premju tal-Bauhaus Ewropea I-Ġdida fi kwalunkwe waħda mill-fergħat u l-kategoriji f'edizzjonijiet preċedenti jistgħu jiġu sottomessi mill-ġdid, dment li jqisu l-kriterji applikabbli kif deskritti f'din il-Gwida għall-Applikanti.
 14. L-istess proġett u kunċett ma jistgħux jiġu sottomessi għal diversi kategoriji jew fergħat.
 15. L-applikanti jistgħu jissottomettu aktar minn applikazzjoni waħda, iżda kull wieħed irid jirrappreżenta proġett jew kunċett differenti f'kategorija jew fergħa differenti (ara l-punt 6 hawn fuq). Mhuwiex permess li l-istess applikazzjoni tiġi sottomessa darbtejn. Sottomissjonijiet multipli tal-istess proġett jew kunċett taħt kategoriji jew fergħat differenti se jitqiesu ineliġibbli.
 16. L-applikazzjoni trid tikkonsisti f'formola mimlija kompletament li tinsab fil-pjattaforma tal-premjijiet tal-NEB, bil-kaxxi obligatorji kollha mimlija. Kull applikant huwa meħtieġ ukoll jiffirma l-Istqarrija ta' Privatezza li takkumpanjaha.
 17. L-applikazzjoni għandha tinkludi informazzjoni bażika u krediti għall-proġett jew il-kunċett, kif ukoll:
 - a) **Għall-Fergħa A:** mill-inqas sitt ritratti b'informazzjoni xierqa dwar id-drittijiet tal-awtur u awtorizzazzjoni biex jintużaw mill-Kummissjoni Ewropea. Jekk ir-ritratti ma jkunux xierqa, jistgħu jiġu pprovduti rappreżentazzjonijiet viżwali oħra (eż. graffs, tpinġijiet).
 - b) **Għall-Fergħa B:** mill-inqas ritratt wieħed jew rappreżentazzjoni viżiva tal-kunċett, b'informazzjoni dwar id-drittijiet tal-awtur u awtorizzazzjoni biex jintużaw mill-Kummissjoni Ewropea.
 18. L-applikazzjonijiet iridu jispjegaw kif il-proġett jew il-kunċett jintegra u jippromwovi l-valuri u l-prinċipji ta' ħidma tal-Bauhaus Ewropea I-Ġdida, u kif se jtejjeb il-kwalità tal-ħajja għan-nies u għall-komunitajiet fit-tul.
 19. Kull applikazzjoni trid tkun relatata ma' post jew reġjun speċifiku, bi grupp fil-mira ċar u objettivi definiti. Dan għandu jispjega kif il-proġett jew il-kunċett jindirizza l-isfidi speċifiċi li jiffaċċja l-post jew ir-reġjun.
 20. Proġetti jew kunċetti li ma jistgħux jiġu replikati f'kuntesti oħra mhumiex eliġibbli. Replikabbiltà tfisser li l-proġett jew il-kunċett jista' jiġi implimentat jew adattat f'post differenti minn fejn oriġina.
 21. L-applikazzjonijiet iridu jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' maturità u l-progress tal-implimentazzjoni li ġejjin:
 - a) **Il-proġetti fil-fergħa A jridu jitlestew kompletament fiż-żmien tal-applikazzjoni**, mingħajr komponenti neqsin (komponenti fiżiċi/tanġibbli jew intanġibbli). Il-proċessi, l-għodod, il-mudelli tan-negozju, il-metodi eċċ. jeħtieġ li jkunu ġew żviluppati bis-sħiħ sal-mument tal-applikazzjoni. Il-proġetti f'din il-fergħa jridu jkunu ġew implimentati jew applikati f'mill-inqas każ speċifiku wieħed.
 - b) **Il-kunċetti fil-fergħa B jistgħu jkunu fi stadji differenti ta' żvilupp**, li jvarjaw minn ideat fi stadju bikri għal prototipi. L-applikanti għandhom jippreżentaw pjan ta' żvilupp, li jagħti dettalji dwar il-passi li jmiss biex il-kunċett jiġi żviluppat, promoss u/jew implimentat aktar, b'enfasi partikolari fuq is-sena ta' wara l-applikazzjoni. L-applikazzjoni għandha turi impenn li l-kunċett jingħata l-ħajja.

22. L-applikazzjonijiet iridu jinkludu dokumentazzjoni li tirrifletti l-livell ta' maturità u l-progress:

- a) Għall-**fergħa A**, l-applikazzjoni trid tinkludi dettalji tar-riżultati miksuba u tal-outputs tal-proġetti kkompletati, eż., ir-rapport ta' evalwazzjoni, ir-rapport finali tal-proġett, iċ-ċertifikazzjoni rilevanti, eċċ.
- b) Għall-**fergħa B**, l-applikazzjoni trid tinkludi pjan ta' żvilupp li jiddeskrivi l-passi għal aktar żvilupp u implimentazzjoni, li juri impenn għall-implimentazzjoni tal-kunċett fil-prattika.

Kjarifiki tal-kriterji ta' eliġibbiltà għall-premijiet tal-“Akkomodazzjoni Affordabbli tal-NEB”:

- Huma biss l-applikanti li jissottomettu proġetti li jinsabu fi Stat Membru tal-UE taħt il-Fergħa A, li jipprovdu soluzzjonijiet ta' akkomodazzjoni sostenibbli, inklużivi u affordabbli li huma eliġibbli biex japplikaw għall-premijiet tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida tal-Akkomodazzjoni Affordabbli.
- L-applikanti jridu jindikaw l-interess tagħhom f'dak il-premju meta jimlew il-formola tal-applikazzjoni.
- L-applikazzjoni se tkun eliġibbli wkoll biex tikkompeti fil-Fergħa A tal-kompetizzjoni prinċipali tal-Premijiet tal-NEB tal-2025, taħt il-kategorija li għaliha l-applikant issottometta l-applikazzjoni. Madankollu, kull aplikazzjoni tista' tirbaħ biss premju wieħed, — jew fil-kompetizzjoni ġenerali jew bħala rebbieħ tal-premijiet tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida tal-Akkomodazzjoni Affordabbli. Proġett ma jistax jirċievi ż-żewġ premijiet.

8. KRITERJI GĦALL-AĠĠUDIKAZZJONI

Il-klassifikazzjoni finali u l-għażla tar-rebbieħa għandhom jiġu kkonfermati mill-Kumitat ta' Evalwazzjoni, li jikkonsisti minn Membri mill-Kummissjoni Ewropea. Dan il-kumitat għandu responsabbiltà sħiħa biex jiżgura t-tmexxija xierqa tal-kompetizzjoni u l-eżiti finali tagħha.

Il-valutazzjoni tal-kwalità tal-applikazzjonijiet se titwettaq minn esperti esterni u indipendenti abbażi tal-kriterji għall-aġġudikazzjoni deskritti hawn taħt. Se jingħataw massimu ta' 100 punt għall-kwalità tal-applikazzjoni. Għal kull kriterju huwa meħtieġ punteġġ minimu ta' 50 %. Huma biss l-applikazzjonijiet li jissodisfaw dan il-limitu li jistgħu jiġu inklużi fil-lista tar-runners-up.

8.1. Kriterji għall-aġġudikazzjoni għall-fergħat kollha (A u B):

- a) Karattru eżemplari f'termini tat-tliet **valuri ewlenin** tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida (**40 / 100 punt**):
 1. **Sostenibbiltà:** fis-sens ambjentali, pereżempju, it-tnaqqis tal-impatt ambjentali tal-attivitajiet tal-bniedem, l-avvanz taċ-ċirkolarità u l-ekodisinn, l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura, il-prevenzjoni tat-telf tal-bijodiversità, u l-promozzjoni ta' attivitajiet ekonomiċi li jinkoraġġixxu

I-preservazzjoni, ir-riġenerazzjoni u l-ħsieb taċ-ċiklu tal-ħajja. Is-sostenibbiltà soċjali u s-sostenibbiltà finanzjarja (bħall-manutenzjoni jew il-finanzjament tal-proġetti) mhumiex parti minn dan il-kriterju.

2. **Inklużjoni:** fid-diversi dimensjonijiet tagħha, li jvarjaw mill-aċċessibbiltà u l-affordabbiltà għal kulħadd, il-governanza inklużiva, u d-disinn għal kulħadd. Din tinkludi ċ-ċelebrazzjoni tad-diversità, il-promozzjoni ta' skambji interġenerazzjonali, l-indirizzar tas-segregazzjoni u l-iżolament spazjali, l-appoġġ għal membri vulnerabbli tal-komunità, u ż-żieda fl-opportunitajiet għal interazzjoni soċjali fost kulħadd.
3. **L-estetika u l-kwalità tal-esperjenza għan-nies:** permezz tad-disinn u l-benefiċċji emozzjonali/kulturali, pereżempju billi jkun hemm konnessjoni mal-kwalitajiet ta' post, jitravwem sens ta' appartenenza permezz ta' esperjenzi sinifikattivi jew jiġu integrati valuri kulturali u soċjali dejjiema ġodda.

b) Karattru eżemplari f'termini tat-tliet **prinċipji ewlenin ta' ħidma** tal-Bauhaus Ewropea I-Ġdida **(35 / 100 punt):**

1. **Proċess parteċipattiv:** l-involvement tal-komunitajiet affettwati mill-proġett fil-fażi tat-tfassil konġunt, tat-teħid tad-deċiżjonijiet u tal-implimentazzjoni, l-għoti tas-setgħa lill-komunitajiet lokali.
2. **Involvement fuq diversi livelli:** skambju effettiv kemm orizzontalment – mal-pari – kif ukoll vertikalment – ma' oħrajn li joperaw fi skali differenti; biex tinħoloq rabta bejn il-partijiet ikkonċernati minn livelli differenti li għandhom skopijiet simili.
3. **Approċċ transdixiplinari:** l-impenn tal-prattikanti u l-għarfien minn oqsma differenti kif ukoll l-użu tal-għarfien ta' persuni mhux akkademiċi u tal-pubbliku.

c) **Dimensjoni innovattiva** meta mqabbla mal-prattiki mainstream. **(10 / 100 punt)**

d) Potenzjal għoli għat-**trasferibbiltà u r-replikabbiltà** (eż. tal-metodoloġija, soluzzjonijiet u esperjenzi) għal kuntesti differenti. **(5 / 100 punt).**

8.2. Kriterji speċifiċi għall-aġġudikazzjoni:

Għall-fergħa A - Il-Promoturi tal-Bauhaus Ewropea I-Ġdida:

Riżultati murija, outputs jew impatt tal-proġett fir-rigward tal-oġġettivi tiegħu, u għal dak li huwa mistenni fil-kuntest tal-kategorija rispettiva. Dan jinkludi benefiċċji mill-proġett għal benefiċjarji diretti u indiretti. Il-proġett għandu juri wkoll kif is-soluzzjonijiet lokali jindirizzaw l-isfidi globali. **(10 / 100 punt)**

Għall-fergħa B - L-Istlel Ġodda tal-Bauhaus Ewropea I-Ġdida:

Ir-rilevanza, il-kwalità u l-kredibbiltà tal-**pjan ta' żvilupp tal-kunċett**, b'attenzjoni partikolari għall-passi ppjanati għas-sena ta' wara l-applikazzjoni. Il-pjan għandu jiddeskrivi r-riżultati u l-benefiċċji mistennija kemm għall-benefiċjarji diretti kif ukoll għal dawk indiretti. Ir-riżultati u l-benefiċċji għandhom ikunu marbuta b'mod ċar mal-oġġettivi tal-kunċett, u l-aspettattivi tal-kategorija rispettiva. Il-kunċett għandu juri kif is-soluzzjonijiet lokali jindirizzaw l-isfidi globali. **(10 / 100 punt)**

8.3. Kriterji għall-aġġudikazzjoni komplementari

Meta titqies il-klassifikazzjoni tal-applikazzjonijiet abbażi tal-kriterji għall-aġġudikazzjoni elenkati hawn fuq, l-għażla finali mill-ġurija (rakkomandazzjoni għar-rebbieħa fost il-finalisti) se tikkunsidra wkoll il-kriterji addizzjonali li ġejjin:

- (i) id-diversità ġeografika
- (ii) il-bilanċ bejn l-applikazzjonijiet li jirreferu għat-trasformazzjoni fiżika tal-ambjent mibni (“hard investments”) u tipi oħrajn ta’ trasformazzjonijiet (“soft investments”)
- (iii) id-diversità tal-kuntesti (rurali/urbani, skala żgħira/skala akbar, eċċ.)

Fir-rigward tad-diversità ġeografika, il-ġurija se tiżgura li l-ebda Stat Membru tal-UE, il-Balkani tal-Punent jew l-Ukrajna ma jkun rappreżentat aktar minn darbejn fost il-kategoriji u l-fergħat kollha tal-premijiet, inklużi r-riżultati mill-votazzjoni pubblika, u l-premijiet speċjali tal-“Akkomodazzjoni Affordabbli tal-NEB”.

9. PROĊESS TAL-GĦAŻLA

Il-proċess tal-għażla tar-rebbieħa huwa organizzat u skrutinizzat minn Kumitat għall-Evalwazzjoni magħmul minn rappreżentanti tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kumitat se jiżgura r-rispett tar-regoli applikabbli, inkluż f’termini ta’ kunflitt ta’ interess. Il-Kumitat ma jevalwax l-applikazzjonijiet infushom.

Il-proċess tal-għażla se jsir f’diversi stadji.

9.1. Verifika tal-eliġibbiltà (ippjanata għal Frar-Marzu 2025)

Il-Kumitat ta’ Evalwazzjoni se jirrevedi l-applikazzjonijiet kollha biex jivvaluta l-eliġibbiltà tagħhom skont il-kriterji elenkati fil-punt 8.

9.2. Valutazzjoni tal-kwalità (ippjanata għal Marzu-April 2025)

L-esperti esterni magħżula mis-servizzi tal-Kummissjoni Ewropea se jwettqu l-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet. Biex tagħżel dawn l-esperti, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat “Sejħa għal Espressjoni ta’ Interess” li tfittex esperti li juru għarfien espert rilevanti fir-rigward tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida (diversità bbilanċjata ta’ għarfien espert dwar is-sostenibbiltà, l-inklużjoni u l-estetika). Il-proċess tal-għażla żgura wkoll rappreżentanza bbilanċjata f’termini ta’ ġeneru u ġeografija. L-esperti ma jrid ikollhom l-ebda parti jew kunflitt ta’ interess mal-applikazzjonijiet sottomessi għall-kompetizzjoni tal-Premijiet tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida.

L-esperti magħżula se jevalwaw l-applikazzjonijiet u jattribwixxu l-punti abbażi tal-kriterji għall-aġġudikazzjoni msemmija fil-punt 8. Kull applikazzjoni eliġibbli se tiġi evalwata minn żewġ esperti differenti.

9.3. Stabbiliment tal-lista ta’ finalist

Il-lista tal-finalisti se tiġi stabbilita billi jintgħażlu l-ogħla tliet applikazzjonijiet f’kull kategorija u fergħa għal minimu ta’ 24 finalist. Imbagħad, il-lista tal-finalisti se tiġi kkomplementata skont ir-regoli li ġejjin:

- **Rappreżentazzjoni ġeografika:** jekk xi Stat Membru tal-UE, sieħeb tal-Balkani tal-Punent jew l-Ukrajna ma jkunx rappreżentat fost l-aqwa 24 applikazzjoni, il-proġett eliġibbli bl-ogħla klassifikazzjoni minn dak il-pajjiż jew pajjiż sieħeb jiżdied mal-lista ta' finalist.
- **Premjijiet tal-“Akkomodazzjoni Affordabbli tal-NEB”:** jekk il-lista ma tinkludix mill-inqas sitt applikazzjonijiet eliġibbli għall-premjijiet tal-“Akkomodazzjoni Affordabbli tal-NEB”, l-applikazzjonijiet eliġibbli għal dan il-premju li jifdal bl-ogħla punteġġ li jmiss se jiżdiedu sakemm jintlaħaq il-minimu ta' sitt finalist.

Dawn ir-regoli japplikaw dment li l-applikazzjoni(jiet) tkun/ikunu għaddiet/għaddew mill-kriterji ta' eliġibbiltà kollha, u tkun/ikunu ġabret/ġabru kwalità minima, mifhuma bħala mill-anqas 50 % tal-punti f'kull kategorija tal-kriterji għall-aġġudikazzjoni.

Fl-għadd totali ta' finalist li jaqbeż il-50 applikazzjoni, il-Kumitat ta' Evalwazzjoni jista' jwettaq rieżami ulterjuri tal-lista, bl-għan li din titnaqqas għal numru konformi, f'konformità stretta mal-kriterji li ġejjin:

- (i) il-punteġġ medju miksub mill-punti attribwiti miż-żewġ esperti responsabbli għall-valutazzjoni tal-kwalità tal-applikazzjoni partikolari
- (ii) id-diversità ġeografika
- (iii) il-bilanċ bejn l-applikazzjonijiet li jirreferu għat-trasformazzjoni fiżika tal-ambjent mibni (“hard investments”) u tipi oħrajn ta' trasformazzjonijiet (“soft investments”)
- (iv) id-diversità tal-kuntesti (rurali/urbani, skala żgħira/skala akbar, eċċ.)

9.4. **Votazzjoni pubblika online (ippjanata għal Ġunju 2025)**

L-applikazzjonijiet finalist se jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-Premjijiet tal-NEB għall-votazzjoni pubblika biex jiġi stabbilit ir-rebbieħ tal-vot pubbliku f'kull fergħa (total ta' żewġ rebbieħa). Il-votazzjoni se tkun miftuħa għall-individwi u l-entitajiet kollha b'email validu u se ssir permezz ta' sistema online sigura. Kull votant se jkun jista' jivvota għal żewġ applikazzjonijiet f'kull fergħa (kull votant jista' jagħżel sa erba' applikazzjonijiet). Se tingħata l-ogħla applikazzjoni vvutata f'kull fergħa.

9.5. **Valutazzjoni tal-ġurija (ippjanata għal Ġunju 2025)**

L-applikazzjonijiet tal-finalisti se jiġu vvalutati minn ġurija finali ta' esperti. Dawn l-esperti se jintgħażlu biex tiġi żgurata diversità bbilanċjata ta' għarfien espert madwar it-tliet dimensjonijiet tal-inizjattiva tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida (is-sostenibbiltà, l-inklużjoni u l-estetika. Se jitqies ukoll bilanċ bejn il-ġeneri u ġeografiku. Il-membri se jiċċertifikaw ukoll in-nuqqas ta' kwalunkwe kunflitt ta' interess fir-rigward ta' kwalunkwe applikazzjoni finalista.

Il-ġurija finali se tipproponi 20 proġett u kunċett rebbieħa f'kull kategorija u fergħa, inklużi r-rebbieħa u r-runners-up, kif ukoll l-erba' rebbieħa tal-premjijiet tal-“Akkomodazzjoni Affordabbli tal-NEB”. Dawn id-deċiżjonijiet se jkun bbażati fuq il-kwalità tal-applikazzjonijiet, flimkien mal-kriterji komplementari rilevanti kollha speċifikati skont il-kriterji għall-aġġudikazzjoni deskritti fil-punt 8.

Il-ġurija finali se topera fuq bażi ta' kunsens. F'każ ta' diverġenza persistenti ta' opinjonijiet, id-deċiżjonijiet jistgħu jittieħdu b'votazzjoni b'maġġoranza sempliċi.

9.6. Stabbiliment tar-riżultati (ippjanat għal Lulju 2025)

Il-Kumitat ta' Evalwazzjoni l-ewwel se jivverifika r-regolarità tal-proċess kollu, se jirrevedi r-riżultati tal-votazzjoni pubblika u l-proposta tal-ġurija, u se jistabbilixxi l-lista tar-rebbieħa magħżula – 22 rebbieħ b'kollox, inklużi r-rebbieħa u r-runners-up.

Kull rebbieħ jista' jirċievi premju darba biss, jiġifieri jew permezz tal-vot pubbliku jew permezz tar-rakkomandazzjoni tal-ġurija. F'każ li xi wieħed minn dawn iż-żewġ rebbieħa tal-vot pubbliku jkun jagħmel parti mil-lista finali ta' 20 applikazzjoni bl-aħjar klassifikazzjoni proposta mill-ġurija finali, dan jiġi sostitwit bit-tieni applikazzjoni bl-aħjar klassifikazzjoni fl-istess fergħa u kategorija. L-istess japplika għall-premijijiet tal-“Akkomodazzjoni Affordabbli tal-NEB”.

Il-Kummissjoni Ewropea se tagħti l-premijiet lir-rebbieħa u lir-runners-up magħżula abbażi tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni.

10. KANĊELLAZZJONI TAL-PREMJU

Il-Kummissjoni tista' tikkanċella l-kompetizzjoni jew tiddeċiedi li ma tagħtix il-premju fi kwalunkwe waħda mill-kategoriji jew fil-kategoriji kollha, mingħajr ebda obbligu li tikkompensa lill-parteċipanti, jekk: (a) ma tasal l-ebda applikazzjoni; (b) il-kumitat tal-evalwazzjoni ma jstax isib rebbieħ f'kull kategorija u fergħa; (c) ir-rebbieħa ma humiex eliġibbli jew iridu jiġu esklużi.

11. IRTIRAR TAL-PREMJU

Il-Kummissjoni tista' tirtira l-premju wara li jingħata u tirkupra l-pagamenti kollha li jkunu saru, jekk issib li: (a) intużat informazzjoni falza, frodi jew korruzzjoni biex inkiseb; (b) rebbieħ ma kienx eliġibbli jew kellu jiġi eskluż; (c) rebbieħ ikun fi ksur serju tal-obbligi tiegħu skont ir-regoli ta' hawn fuq ta' din il-kompetizzjoni.